## L-Ewwel Taqsima — DAWL

# IL-BAQRA U L-HMAR FL-GHAR TA' BETLEM

Ġesù, bin Alla u bin il-Bniedem twieled f'għar . . . f'maqjel . . .

Il-kelma 'maqjel' tfisser imkien mudlam, maħmuġ, li jarmi rwejjaħ tal-bhejjem li jdejqu u jmarrdu: xejn m'hemm nadif fil-maqjel ħlief biss il-maxtura, fejn is-sid iqiegħed il-ġwież u l-għalf meħteġin għall-għixien tal-bhejjem li hemm ikunu jgħammru.

Ir-raba' fir-Rebbiegħa jieħu dehra oħra, donnu jinbidel u jimtela' bil-ħajja; minn x'ħin fl-art jinbtu l-ħxejjex li 'l fuq mill-ħamrija, f'dawk l-għodwiet, milqutin u mħarrkin minn żiffa ħelwa u mxarrbin min-nida ta' filgħodu u jilmaw taħt l-imrieżaq tax-xemx tielgħa, tielgħa tgħinhom u ttihom ħajja ġdida filwaqt li ssawwarhom f'għelejjel ħadrana u mwarrda mill-aktar bnina għall-bhejjem. Issa iżda dawk l-għelejjel ġew maħsuda . . . Dawk l-għelejjel darba żina u ġmiel tal-għelieqi, fwieħa li tgħaxxi għal kull min jgħaddi minn ħdejhom, faraġ għal kull min ikun qalbu mdejqa, issa huma mitbiela: dawk iz-zkuk imwarrdin tagħhom, għalkemm niexfa jew mitbiela, għadhom jarmu xi riħa ħelwa, iva, imma issa huma ġol-maqjel fil-maxtura biex itaffu u jaqtgħu l-ġuħ lil dawk il-ħlejjaq l-oħra li huma l-qaddejja rsira tal-bniedem: il-bhejjem isibu l-għalf bnin tagħhom f'dik il-maxtura.

Dan kien tassew l-Għar jew il-Maqjel fejn Ġesù, iben t'Alla u tal-Bniedem, twieled u ġie fostna. Imkien mill-aktar baxxi u msejkna fid-dinja... L-Iben tal-Bniedem, li hu s-Sultan tal-Lhud u tal-ġnus kollha, kellu jkollu b'nieqa tiegħu li tilqgħu tarbija maxtura, fejn il-bhejjem jomogħdu u jieklu l-ħxejjex u l-egħmejjel imwarrdin, imma niexfa, tar-Rebbiegħa.

L-ewwel dar, iva, li laqgħet lil Ġesù Tarbija kien għar-maqjel b'maxtura. U għax għandna nistagħġbu, immela . . . L-ewlenin li taw ġieħ u qima lil Ġesù għadu kemm twieled kienu żewġ bhejjem: il-baqra jew għoġla u l-ħmara (Papini: "Storia di Cristo).

Ebda storja tat twelid ta' Ġesù Kristu, miktuba minn għorrief li jemmnu jew le, li ma tfakkarx f'dawn l-ewlenin li taw ġieħ u qima lil Ġesù Tarbija fil-għar ta' Betlem: il-baqra jew għoġla u l-ħmara; dawn iż-żewġ bhejjem huma hekk magħqudin mal-Presepju ta' Ġesù li . . . jista' iva, jitħalla li ma jitqegħidx il-Bambin, imma qatt u qatt il-baqra jew l-għoġla u l-ħmar.

Ladarba hekk, qatt ħsibt int, o qarrej, fuq liema sisien ġie magħruf li proprju baqra u ħmar, u mhux bhejjem oħra, kien hemm fin nieqa ta' Ġesù, f'dak il-lejl imqaddes, u li kienu bin-nifs tagħhom isaħħnu l-ġisem ta' l-imwieled Messija?

Il-kwistjoni — jidhirli jiena — hija żgur ta' ftit jew xejn siwi, iżda t-tagħrif kollu fuq it-twelid ta' Ġesù Kristu hu dejjem sabiħ u wkoll ta' xi ġid għar-ruħ.

*

* *

Li Ġesù Tarbija malli twieled ġie mqiegħed f'maxtura, bħala nieqa, din hi ħaġa minn ewl id-dinja, għax Ġesù twieled f'għar fejn kienu jinżammu l-bhejjem u li fih il-maxtura hi l-imkien l-aktar nadif fost l-imkejjen l-oħra. Min naħa l-oħra, jekk il-Prese-

pju kien tassew għar-maqjel, hemmhekk kellu jkun hemm aktarx xi bhejjem. Imma l-kwistjoni kollha hi din: Minn fejn nafu aħna li f'dak il-għar fejn twieled Ġesù kien hemm tassew il-bhejjem, u dawn ma kinux ħlief biss il-baqra jew għoġla u l-ħmara? taw każ l-Evanġelisti li jiktbuhom, għax dawn kienu aktarx imħabbrin lilna żmien qabel mill-Profeti, fir-Rabta l-Qadima.

Għandi quddiem għajnejja żewġ orakli tassew kbar ta' kbira ħtieġa għal din id-daqsxejn ta' kwistjoni:



*L-Għar ta' Betlehem*
*Ġesù Bambin qalb il-Baqra u l-Ħmara.*

Billi fl-Evanġelju ftit u xejn għandna tagħrif fuq hekk, jista' jkun li dan it-tagħrif kien ġie mnebbaħ minn qabel ma twieled Kristu.

Hi ħaġa magħrufa, li xi ħwejjeġ żgħar fil-ħajja ta' Kristu ftit u xejn wieħed hu ta' Iżaija u l-ieħor ta' Abakuk. Iżaija hu magħruf ħafna bħala l-Evanġelista tal-qedem, u dan igħid: "L-għoġol għaraf lil Sidu, u l-ħmar il-presepju t'Alla tiegħu" (Iż. 1, 3).

F'dawn il-kelmiet ta' Iżaija, il-kittieb ekkleżjastiku Origeni, u s-Santi Padri, Sant'Ambroġ, San Girgor ta' Nissa, San Ġlormu u San Pier Grisologu jifhmu u jaraw fihom tħabbira (profezija) fuq il-Messija. Origeni u Sant'Ambroġ ifissruhom b'sens ta' xebh, u jgħidu: "L-għoġol huma l-Lhud, ħmar aħna li ġejjin mill-Ġentili jew mill-Pagani." Is-Santi Padri l-oħra joqgħodu fuq dak li tfisser il-kelma. San Ġlormu jikkommenta hekk: "U medditu fil-maxtura. Għax fil-maxtura? . . . għax kellu jiġi mitmum dak li kien ħabbar Iżaija l-profeta: "L-għoġla għarfet lil Sidha, u l-ħmar il-presepju tal-Mulej tiegħu".

Iżda dawk il-kelmiet ta' Iżaija fihom tassew profezija (tħabbira) fuq il-Messija

Jekk noqgħodu għall-qari tat-test ta' Iżaija kollu kemm hu, b'dak ta' qablu u b'ta warajh, dlonk nintebħu li meta l-Profeta kiteb dawk il-kelmiet quddiem għajnejh ma kellu ebda ħsieb tal-Messija: ruħu kienet wisq 'il bogħod mid-deħra ta' dak il-lejl misterjuż, safi u sieket, u li fih, taħt sema miżgħud bil-kwiekeb, twieled l-Iben ta' l-Ogħla:

Isimgħu, ja smewwiet, u inti,
  ja art, iftaħ widnejk,
għax il-Mulej qed jitkellem:
Kabbart ulied u rabbejthom,
  u huma qamu għalija!
L-Għoġol jagħraf lil Sidu,
  u l-Ħmar in-nieqa t'Allatu;
Iżda Iżraeli ma jagħrafx,
Ġensi ma jifhimx!!
Ah! ja ġens midneb, piplu fgat
  bil-ħażen!
Ġidd imħassar, ulied bardaxxa!

Hekk il-Profeta deher quddiem il-poplu t'Alla, li kien warrab twemminu minnu. F'dak iż-żmien, mandri u mrieħel kienu jitħallew jirgħu rajhom f'idejhom matul il-jum: ma' għib ix-xemx imbagħad, il-bhejjem kienu jfittxu weħedhom li jmorru fil-maqjel tagħhom mingħajr żgur ma jitqarrqu: jekk kien jgħaddi sidhom minn ħdejhom, kienu dlonk jagħrfuh, u donnhom ikunu jridu jagħtuh qima, billi jsemmgħulu leħenhom: B..ee..e..q!, b..e..e..q!, u b'sinjali oħra ta' ħbiberija, u aktarx billi jmorru warajh bħala qatgħa ħbieb tiegħu. La tinsiex li huma bhejjem!

Minn dan li għedna, Iżaija jinseġ l-argument tiegħu hekk: "Il-bhejjem (ftakar li bhejjem) jgħarfu lil sidhom u l-maqjel tagħhom: Int, ja Iżraeli, agħar mill-bhejjem, għax ma tagħrafx aktar 'l Alla tiegħek! Dak li jagħtik il-ħajja u l-libertà".

Kornelju Alapide hawnhekk igħid: "Iżaija hemmhekk jitħaddet minn baqar, ħmir u sidien b'ħabta ġenerali... Madankollu l-Għorrief ta' dari kienu jifhmu u jfehmu li dawk il-kelmiet huma għal Kristu, Sid u Tarbija, Bambin ċkejken, imqiegħed f'nieqtu-maxtura qalb l-għoġol u l-ħmar . . . Dan iżda ma jfissirx li dawk il-kelmiet ta' Iżaija fihom profezija fuq il-Messija, imma huma biss imqabblin għal dak is-sens (sens akkomodat) u mhux profezija fuq il-Messija (Comment. in Isaiam).

*
* *

Iżda hemm leħen Abacuc, li jgħajjat ma' l-erbat irjieħ (III, 2): "Mulej, smajt il-kelma tiegħek u bżajt: tagħmel li tingħaraf f'nofs żewġ bhejjem: meta joqrob dak iż-żmien, turi ruħek" (Liturġ. taċ-Ċirkunċiżżjoni, versjoni bit-Taljan, magħmula fuq tas-LXX).

Minn dan żgur wieħed ma kienx ikun jista' jaħrab, li kieku t-test miġjub minn Abacuc kien fidil. Imma, jaħasra!... ma nzertax fidil!

Naraw, u niflu ftit it-test **Lhudi,** miġjub ukoll fil-'Volgata':

Javè, smajt il-kelma tiegħek,
bżajt, Javè, għall-opra tiegħek.
F'nofs iż-żmien agħtiha l-ħajja,
f'nofs iż-żmien xandarha!!

Kif wieħed jara sewwa hawnhekk, li-annimali u l-bhejjem ħarbu, ma dehrux iżjed. U dan jitfisser sewwa, għax hawn jidħlu fiż-żifna xi ittri bil-Lhudi li minħabba x-xebh li għandhom ma' oħrajn ġiebu tfixkil u għelt mhux ċkejken. Is-LXX interpreti tqarrqu fil-qari, għax minflok li qraw: F'nofs iż-żmien tas-snin — Nel mezzo degli anni — qraw: "In mezzo degli animali."

*
* *

Dak kollu li l-Kotba Mqaddsa jgħarrfuna li ġara f'dak il-lejl li qatt ma jintesa' hu miġbur fi ftit kliem fil-Vanġelu ta' San Luqa: "U hija wildet 'il binha l-ewlieni, u fisqietu, u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm fejn toqgħod fil-Khan."

Ġesù, immela, ried li jkun meqjum, adorat, qabel xejn mill-bhejjem, li kienu meqjumin u adorati mill-bnedmin. U dan biex jurina li huwa wkoll Alla ta' dawk il-ħlejjaq, li l-bluha tal-bnedmin kienet għamlithom allat.

Iżda l-baqra u l-ħmara, li lilhom kien mess dak il-ġieħ li jkunu — f'idejn Alla — għodda baxxa f'għajnejn il-bniedem, kienu fehmu jew għarfu huma nfishom il-qadi tagħhom bħala mistħoqq għalihom u ta' mertu?

Jekk inħarsu lejhom, kif inhuma qegħdin fil-leminija u x-xellugija ta' l-Iben t'Alla Tarbija fin-nieqa tiegħu maxtura, għandna ngħidu u nifhmu sewwa li l-baqra jew għoġla u l-ħmar jew ħmara qegħdin f'qagħadhom u fl-ogħla ġieħ tagħhom.



*It-Twelid tal-Bambin Ġesù*